MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 228/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-11 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-22 ta' Marzu, 2003 (**Dok. A**)

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett

serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

u illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut ma ppresentax in nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta’ Omisis u Omisis.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru, 2005 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-16 ta’ April,1994 a bazi tal-Atikolu 19 (1) (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-konvenuti nomine

ma humiex edotti bil-fatti u ghalhekk ma kinux f'posizzjoni illi jressqu provi; ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-provi mressqa mill-attrici izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti jkun inkiseb b'eskluzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

19 (1) (h) – li l-kunsens ta' xi parti jkun ivvizzjat minn nuqqas intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher illi dan iz-zwieg kien

zopp ghall ahhar ghaliex l-attrici ammettiet illi qatt ma kellha ntenzjoni li thobbu izda kienet thobb terza persuna li mieghu baqa' jkollha relazzjoni intima tant li kellha tarbija minnu. Il-Qorti jidhrilha illi hemm bizzejjed provi li z-zwieg ghandu jigi annullat ai termini tas-subartikoli kollha citati.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-22 ta' Frar, 2003. L-ispejjez jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------